MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2009

Appell Civili - Ghawdex Numru. 49/2007/1

**Maltacom plc u b'digiret tat-18 ta' Dicembru, 2008 l-isem Maltacom plc gie mibdul ghal GO plc**

**vs**

**Gregory Grech**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta' Ottubru, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-18 ta' Settembru 2007, li jghid hekk :-
>
> "Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' mitejn u tlieta

u sebghin Liri Maltin u sebgha u tmenin centesimi (Lm273.87) dovuti in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21557985, li kien installat fl-appartament numru 1, 24, Triq Santa Marija, Marsalforn, Ghawdex, skond diversi kontijiet mibghuta, flimkien ma' l-ispejjez, l-imghaxijiet, u drittijiet legali.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta tal-konvenut tat-8 ta' Novembru 2007, li tghid hekk :-

"Fis-sena 2002, il-konvenut applika ghal linja tat-telefon wara offerta li kienet ghamlet il-kumpannija Maltacom plc ghal min irid linja ohra 'extra' ghall-'internat'. Din kellha tkun minghajr hlas tal-kera u minghajr hlas ta' l-istallazzjoni. Fil-fond fejn il-konvenut ried idahhal din il-linja gdida, u cioe' fil-fond imsemmi Flat 1, 24 Triq Santa Marija, Marsalforn, il-konvenut gia' kellu linja ohra biex jiddobba bin-numru 21556230. L-atturi damu sa Lulju 2005 biex jibghatu l-ewwel kont taghhom ta' Lm214.73, li allura kien jirrapprezenta kont ta' kera u stallazzjoni u ta' sejhiet fuq il-linja li suppost kienet bla kera u minghajr hlas ta' stallazzjoni. Kieku l-konvenut kien jaf li l-kumpannija attrici kienet qeghda tippretendi l-hlas fuq il-kera u stallazzjoni, kien ikun pront javzahom biex inehhulu l-linja u mhux ihalli li jitilghu l-kontijiet minghajr ma kien jaf."

Sama' l-provi ;

Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esibiti ;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Qabel xejn it-Tribunal sejjer jelenka fil-qosor il-fatti li jemergu mill-provi li gew imressqa mill-partijiet :-

(i) Fis-sena 2002, il-kumpannija Maltacom plc kienet nediet offerta lill-abbonati taghha li ghandhom linja tat-telefon fissa normali, u cioe' linja *dial up*, li japplikaw u jdahhlu t-tieni linja fir-residenza taghhom bla ebda hlas tal-kera. Din kienet offerta limitata ;
(ii) F'Lulju 2002, il-konvenut kien mar japplika ghal linja tat-telefon ghall-flat tal-villeggjatura li ghandu f'Marsalforn, Ghawdex, bil-hsieb li huwa kien qed japplika taht din l-iskema msemmija ;
(iii) Originarjament il-konvenut kellu linja fissa normali tat-telefon f'dan il-flat li kellha n-numru 21556230. F'Mejju tas-sena 2002, il-konvenut kien qaleb din il-linja ghas-sistema ta' servizz tal-*Easyline*, servizz li fuqu l-abbonat ma kienx ihallas kera, izda kien jithaddem bl-uzu ta' card bi kreditu li biha l-abbonat sata' jaghmel it-telefonati ;
(iv) L-offerta tat-tieni linja mill-Maltacom plc lill-abbonati taghha ma kenitx estiza ghal dawk l-abbonati li jhaddmu dan is-servizz tal-*Easyline* ;
(v) Il-konvenut issottometta l-applikazzjoni tieghu bil-hsieb li huwa kien qed japplika taht l-iskema mnedija dwar it-tieni linja b'xejn ;
(vi) Is-servizz gie nstallat xi tliet ijiem wara li saret l-applikazzjoni, u cioe' fit-8 ta' Lulju 2002, bin-numru 21557985 ;
(vii) Gara li wara xi zmien il-konvenut ircieva il-kont tal-istallazzjoni, tal-kera, u tat-telefonati li kienu saru minn fuq din il-linja ;
(viii) Il-konvenut ippretenda li ma jhallasx tal-istallazzjoni u tal-kera ta' dan is-servizz, avolja l-kundizzjonijiet tal-iskema tat-tieni linja b'xejn kienu jaghmluha cara li l-abbonat ried ihallas tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm23) tal-istallazzjoni.

Dan it-Tribunal ezamina bir-reqqa dawn il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza u l-provi kollha mressqa mill-partijiet, u ma jistax jaghti ragun lill-konvenut li jippretendi li jhallas biss tal-*pulses* li

saru fuq il-linja tat-telefon bin-numru 21557985, u ta’ xejn aktar. Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut ma kien xejn diligenti fil-mod kif agixxa fil-mument ta' l-iffirmar tal-kuntratt ghal din il-linja tat-telefon. Tali non-kuranza ma tistax tigi kondonata u lanqas premjata billi t-Tribunal jaccetta l-assunt fuq dak li sata’ haseb il-konvenut li kien fih il-kuntratt meta dan invece mill-apparenza tieghu kien jikkontjeni termini u kondizzjonijiet precizi ghal linja fissa normali u mhux ghal linja taht l-iskema li kienet giet imnedija mill-kumpannija attrici tat-tieni linja b’xejn, taht liema din l-ahhar skema l-konvenut qatt ma sata’ jikkwalifika ghar-raguni li huwa ma kienx ghadu jhaddem l-linja fissa normali peress li kien ghadu kif qaleb ftit qabel ghas-servizz tal-*Easyline*. Is-sens guridiku jiddetta illi l-ftehim bil-miktub ghandu jorbot lill-firmatarji fit-termini stretti tieghu u ma ghandux jigi mibdul jew cirkuwit b'mera assunzjoni soggettiva ta' xi parti fost il-kontraenti. Ir-raguni, imbaghad, kellha tiddettalu lill-konvenut illi jezamina sew il-kuntratt, u mhux jaghtih semplici hemza, biex jekk dan ma kienx jirrifletti dak li l-konvenut ried japplika ghalih fil-verita` jattira l-attenzjoni u jitlob spjegazzjoni fuq daqshekk lill-impjegat tal-kumpanniji attrici li accetta l-applikazzjoni tieghu. Minn dan kollu l-konvenut baqa' ma ghamel xejn u allura dan it-Tribunal ragjonevolment ikollu jahseb u jissusspetta illi l-opposizzjoni tieghu, *ex post facto* t-tahrika, m'ghandhiex mis-serjeta` u qed issir biss biex il-konvenut jappilja ma' skuzanti biex jipprova jiskansa l-hlas jew parti minnu. [ara. Prim’Awla, Godwin Navarro et noe vs Saviour Baldacchino, 28 ta’ Frar 2003].

Minn naha l-ohra dan it-Tribunal jara wkoll negligenza da parti tal-kumpannija attrici li ghal kwazi tliet snin shah, ma tindunax li l-konvenut ma kienx qed jircievi kont separat ghal din il-linja tat-telefon, izda kien bi zball qed jidhol f’kont iehor ta’ servizz separat li jgib in-numru 40004501, u dan

in-nuqqas ser jigi rifless aktar l-isfel dwar it-talba ghall-hlas tal-imghaxijiet li s-socjeta' attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat li jhallas, u l-hlas tal-ispejjez. Mhijiex gustifikata l-kumpannija attrici li titfa' t-tort ghal din in-negligenza fuq il-konvenut.

Il-konvenut bl-ebda mod mhuwa qed jikkontesta l-korrettezza tal-kont a rigward ta' stallazzjoni, kera, u pulses, izda biss jippretendi li tal-istallazzjoni u tal-kera ma kellux jintalab dan il-hlas ; haga li zgur m'ghandux ragun fiha l-konvenut billi anke' taht l-iskema tat-tieni linja b'xejn, kien hemm hlas tal-istallazzjoni.

It-talba attrici hija ghalhekk gustifikata u timmerita li tigi milqugha.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, qed jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u seba' u tletin Euro u hamsa u disghin centesimi (€637.95), ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21557985 [A/C no. 40071924], bl-imghax legali b'effett mid-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba sal-hlas effettiv.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal tliet kwarti (3/4) mill-konvenut u kwart (1/4) mis-socjeta' attrici.**"**

Minn din is-sentenza appella l-konvenut bl-aggravju kkoncepit fis-sens illi t-Tribunal, 'l hinn mill-fatt ta' x'kien hemm mitlub fil-formula ta' l-applikazzjoni ghas-servizz telefoniku "extra", iddecieda l-vertenza in bazi ghall-ekwita. Huwa jissottometti illi l-konkluzjoni tat-Tribunal kellha tkun dik li hu gie indott jiffirma dokument li jghid xi haga differenti minn dak propagat;

Ghal dan l-aggravju t-twegiba tas-socjeta` attrici hi dik li t-Tribunal ma setax jinjora l-principji l-aktar bazici tal-kuntratt u ladarba l-appellanti ffirma ghas-servizz in kwestjoni huwa ghandu jonora l-obbligu tieghu u jhallas ghas-servizz minnu wzat;

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal kontroversja quddiem it-Tribunal huma kif gej:-

(1) Skond ix-xhud Emanuel Cini, rapprezentanti tas-socjeta` attrici, il-kumpanija nediet skema illi min ghandu diga` linja fissa normali (*dial up*) fid-dar jista' jikkwalifika biex japplika ghal linja b'xejn, u cjoe bla hlas ta' kera. F'kull kaz, is-*subscriber* kellu jhallas l-*installation fee* u l-*calls*;

(2) Fil-post tieghu ta' Marsalforn il-konvenut kellu linja telefonika izda din ma kienetx bis-sistema ta' l-"Easyline". B'sistema bhal din ma kienx jikkwalifika ghat-tieni linja bil-kera b'xejn;

(3) Dejjem skond dan ix-xhud, l-appellanti applika ghat-tieni linja fil-5 ta' Lulju, 2002 u l-kont relattiv intbaghtlu fl-2004. Ix-xhud jispjega dan id-dewmien ghaliex bi zball il-kont iddahhal fis-sistema ta' l-Easyline;

(4) Il-konvenut minn naha tieghu jghid li hu applika taht l-iskema mnedija biex jinghata linja ghall-uzu ta' l-internet. Huwa mela l-applikazzjoni li nghata pero` ma qarax il-kondizzjonijiet stipulati u lanqas ma nghata kopja taghha. Jiddikjara inoltre li hu lest li jhallas tal-*calls* izda mhux ukoll tal-kera u ta' l-installazzjoni;

(5) Fl-atti giet esebita kopja ta' reklam ta' l-offerta specjali mnedija mill-kumpanija attrici. Fih jinghad li tista' ddahhal it-tieni linja tat-telefon minghajr kera bi hlas ta' darba ta' Lm23 ghall-installazzjoni oltre l-hlas ta' kull sejha li ssir;

(6) Gie esebit wkoll il-kopja ta' l-Application Formipprezentata mill-konvenut fil-5 ta' Lulju, 2002 li permezz

tieghu nghata t-tieni linja fil-fond ta' villeggjatura tieghu f'Marsalforn;

Premessi dawn il-fatti, din il-Qorti jidhrilha li ghandha bi preliminari tirrepeti l-osservazzjoni gja minnha maghmula f'diversi sentenzi illi "l-kuncett ta' l-ekwita` jaspira ruhu ghar-regola ta' gudizzju li, ghalkemm mhux miktuba, tikkonsenti, b'riferiment ghal kaz konkret, ghas-soluzzjoni tal-kontroversja b'mod aktar konformi ghall-karatteristici specifici tal-fatti. Ara d-decizjoni ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Paul Portelli -vs- Pawla Buttigieg**", Appell Inferjuri (Ghawdex), 5 ta' Lulju, 2006. Gudizzju dan li jimplika valutazzjoni specifika, libera u elastika u li tikkonsenti lill-gudikatur li jiddevja mir-rigur tas-*summum jus* in relazzjoni ghall-elementi partikolari tal-kaz. Jikkonsegwi illi dan hu zvinkolat mill-osservanza rigoruza ta' certi normi ta' dritt u ghaldaqstant hu jista' jirrikorri ghall-principju ta' dik il-precedenza u ta' l-opportunita` li tidher hekk ekwa fil-kuxjenza tieghu ghas-soluzzjoni tal-kontestazzjoni". Ara "**Rita Bihiga -vs- Adrian Busuttil**", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 1 ta' Novembru, 2006;

Ri-affermat dan, l-interpretazzjoni li tohrog mis-sentenza appellata hi fis-sens illi l-appellanti kien tenut joqghod ghat-termini stretti tal-miktub, sottofirmat minnu, meta applika ghat-tieni linja. Dan, it-Tribunal wasal ghalih wara li rraguna illi l-konvenut qatt ma seta' jikkwalifika ghall-iskema ghar-raguni li l-linja l-ohra li diga` kellu ma kienetx wahda fissa izda skond is-sistema ta' l-Easyline;

Bir-rispett dovut il-Qorti tistqarr li ma tistax taqbel ma' dan ir-ragonament. Meta wiehed jezamina attentament ir-reklam esebit minn imkien ma jirrizulta minnu illi l-abbonati li kellhom installata dik is-sistema (Easyline) ma kellhomx huma wkoll l-opportunita` li jipprevalixxu ruhhom mill-offerta specjali mnedija. Jinghad bosta dwar il-kisba tal-vantaggi bid-dhul ta' kirja ohra fid-dar izda mhux ukoll illi l-linja wahda (dik fissa) tikkwalifika, u l-ohra (Easyline) le. Li hu accertat minn dokument iehor esebit – ara

"*Application for second telephone line*" fil-fond tar-residenza ordinarja ta' l-appellanti fil-Fontana – illi b'dik il-linja hemm "*no monthly rental charges*". Mhux ukoll, pero`, "*free pulses*" jew installazzjoni b'xejn;

Naturalment, is-socjeta` appellata tobbjetta illi la jezisti l-vinkolu kontrattwali dan irid jigi rispettat fis-sens tal-ligi, anke ghaliex mhux ammessi provi orali kontra, jew b'zieda, tal-miktub. Huwa forsi opportun li jigi mfakkar illi f'materja ta' kuntrattazzjonijiet koinvolgenti konsumaturi, ir-rapport relattiv *inter partes* jesigi b'aktar qawwa l-obbligu imperattiv tat-tutela shiha tal-konsumatur fil-fazijiet kollha tan-negozju. Dan johrog sew mid-disposizzjonijiet varji fl-Att ta' l-1994 dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kapitolu 378), kompriz f'dan l-artikoli rilevanti dwar reklamar u offerti intizi biex ihajru lill-konsumatur. Proprju l-osservanza tal-bwona fede f'rapport negozjali ta' din ix-xorta timplika wkoll illi fil-fazi tal-formazzjoni tal-kuntratt il-partijiet jitqieghdu f'posizzjoni paritarja. Hekk, allura, il-bwona fede tigi taht dan il-profil intiza fis-sens ta' ekwita` kuntrattwali. Barra minn dan l-istess kuncett iservi ta' parametru gudizzjali siewi ta' dik il-verifika kompleta ta' kif il-kontrattazzjoni giet konkjuza. Verifika din li fil-kaz in ispecje kellha tinvolvi wkoll l-aspetti kollha ta' l-offerta specjali taht liema l-appellanti kien imhajjar jikkuntratta;

In raguni ghal din il-konsiderazzjoni l-metru ta' l-ewkita`, u dik tal-bwona fede appena riflessa, jinduci lil din il-Qorti biex mis-somma reklamata taghmel riduzzjoni tar-*rental charges*, li skond l-aritmetika tal-Qorti jammontaw fit-total ghal Lm66.69. Mill-kumplament, is-sentenza ser tigi kkonfermata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' in parte l-appell u b'hekk tvarja s-sentenza appellata billi tirreduci s-somma reklamata mis-socjeta` appellata ghal mitejn u seba' liri Maltin u tmientax-il centezmu (Lm207.18) ossija erba' mija u tnejn u tmenin euro u sittin centezmu (€482.60). L-ispejjez ta' dan l-appell jitbatew fil-proprozjoni ta' kwarta

parti (1/4) mis-socjeta` attrici appellata u tliet kwarti (3/4) mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------